**Laqgha Numru 01/K6/2012 - Locality meeting**

**Introduzzjoni**

L-Ewwel Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 11 ta' Jannar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tac-Centru Pastorali Kristu Rxoxt, Misrah il-Paci, Pembroke, fis-6.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Lauro Fava ***(li wasal fis-7.00pm)***, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Kien hemm prezenti wkoll il-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni.

Kien hemm 24 persuna prezenti. **(Ara Dok. A)**

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-3 ta' Jannar 2012. L-Agenda kienet:

**01. Rapport ta' hidma ghas-sena 2011.**

**02. Estimi Finanzjarji 2012.**

**03. Mistoqsijiet u suggerimenti.**

## 01. Rapport ta' hidma ghas-sena 2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit beda l-laqgha billi ta merhba lil dawk prezenti fosthom lis-sur Charles Cesare li kien qed jirrapprezenta lill-Onor. Ministru G. Pullicino, lis-sur Henry Cachia li kien qed jirrapprezenta lill-Onor. Ministru D. Cristina, informa wkoll li l-Onor. M. Falzon (PL) kien informa lill-Kunsill li kien talab li jigi skuzat minhabba mpenji oha.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit qara rapport ta' hidma ghas-sena 2011. **(Ara Dok. B)**

1.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fir-rapport tas-Sindku Joe Zammit ma kienx hemm indikat li s-sena li ghaddiet, sar xoghol fi Triq Dun Amabile Sisner mill-Gvern Centrali fejn saru water culverts li bis-sahha taghhom giet solvuta l-problema ta' l-gharghar fl-akwati.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti ta' dawk prezenti.

1.05. Is-Sur John Dimech staqsa ghala l-Kunsill kien qed jikkunsidra li d-dawl fi Triq il-Mediterran jitnehha minn mad-djar u jsir in-naha tas-sigar. Il-kelliem qal li dan jaf ikun ta' precedent minhabba li hemm toroq ohra simili fosthom Triq G. Henin.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet proposta li kienet saret xi 4 snin ilu li kienet tinkludi wkoll li jsir passagg bhal belveder fuq in-naha ta' wara tal-palm.

1.07. Is-Sur John Dimech irrimarka li wara li parti minn Triq G. Henin saret one Way, qed tinholoq problema fit-traffiku minhabba li t-toroq tal-gnub m'humiex addattata biex jiehdu t-traffiku kollu. Il-kelliem irrakkomanda li l-One Way ghandha tkun biss waqt il-hinijiet ta' l-iskola.

1.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan jigi diskuss fil-Kunsill u jekk ikun hemm qbil jintalab il-permess ta' TM.

***1.09. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fis-7.00pm.***

1.10. Is-Sinjura Salvina Frendo Cumbo staqsiet dwar is-servizz tat-trasport pubbliku f'San Patrizju specjalment lejn l-isptar Mater Dei fejn irrimarkat li m'huwiex prattikabbli ghan-nies ta' San Patrizju li jkollhom jinzlu minn San Patrizju ghall-Park & Ride biex jaghmlu uzu minn dan is-servizz.

1.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien hemm diversi diskussjonijiet ma' TM dwar l-Arriva, izda s'issa l-unika titjib kien bir-rotta 13. Il-kelliem qal li suppost ser ikun hemm xi tibdil aktar tard dan ix-xahar.

1.12. Is-Sinjura Salvina Frendo Cumbo qalet li fil-fatt meta bdiet topera l-Arriva kien hemm zewg Bus Stops li wara ftit dawn tnehhew.

1.13. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk TM taghmel il-progett ta' Tent, li jinkludi l-upgrading ta' Triq Sant'Andrija, jaf ikun hemm xi titjib.

1.14. Is-Sur Anthony Portelli lmenta li r-rotta 120 taghmel hin wieqfa fil-Park & Ride u ghalhekk ikun aktar ghaqli li l-hin mitluf, minflok titla' San Patrizju u b'hekk jinghata servizz ahjar. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-probbabilita' li l-120 tasal tard huwa minhabba l-fatt li din tkopri l-itwal rotta f'Malta fejn minn Pembroke tmur sax-Xghajra. Il-kelliem irrakkomanda li l-Kunsill jitlob li din ir-rotta tiqsar u jkun hemm inkuz San Patrizju.

1.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fid-diskussjonijiet li kienu saru ma' TM, il-Kunsill kien gie nfurmat li t-talba qed tigi kkunsidrata u ghalhekk fil-futur qarib il-Kunsill ghandu jerga' jaghmel it-talba lil TM.

1.16. Is-Sur Patrick Gauci staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar ir-Residential Parking Scheme l'issa ilha li saret 6 xhur, meta ser isir id-dawl il-gdid fi Triq Normandy, biex isiru parking lines fil-parkegg li hemm off Triq Normandy, meta ser isiru t-tabelli fi Triq Normandy u meta ser jigi rrangat il-hajt li gie vandalizzat.

1.17. Is-Sindku Joe Zammit dwar ir-Residential Parking Scheme qal li l-process ghadu ghaddej. Il-kelliem qal li xi snin ilu kienet saret kawza minn cittadin kontra l-Kunsill Lokali Pieta' kontra skema simili dwar il-legalita' taghha u minn dakinhar it-talbiet li kien hemm baqghu kollha pendenti. Il-kelliem qal l'izda l-applikazzjoni xorta ser issir mill-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll li huwa kien sema li jista' jaghti l-kaz li s-sit tal-Park & Ride jista' jigi rilaxxat. Dwar l-iskema l-kelliem qal li x-xoghol bhalissa qed isir mill-Perit tal-Kunsill.

1.18. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg informa lil dawk prezenti li d-dawl hemm il-possibilita' li jigi nstallat fil-jiem li gejja, dwar it-tabelli dawn suppost ghandhom ukoll isiru fil-jiem li gejja. Dwar il-hajt il-Kunsill talab lil TM biex tivverifika mal-kuntrattur li kien ghamel ix-xoghol, jekk dan sarx kif mitlub.

1.19. Is-Sur Patrick Gauci lmenta li fil-picnic area qed ikun hemm il-litter bins imfawra b'munzelli ta' skart madwarhom.

1.20. Is-Sindku Joe Zammit qal li ha nota ta' dan.

1.21. Is-Sur Ivan Privitera lmenta li hemm numru ta' kaxxi tal-plastik fuq il-bankina l'ilhom miksura xhur, li hemm bzonn ta' pellican lights fuq iz-zebra crossing li hemm fit-triq il-gdida kif ukoll li jsiru rampi fit-truf biex ikun hemm access ahjar. Il-kelliem ilmenta wkoll li hemm arblu minghajr uzu f'nofs il-bankina fi Triq Normandy li ghandu jitnehha. Is-sur Privitera lmenta wkoll li huwa t'inkonvenjent li Triq Gioacchino Le Brun hija One way fid-direzzjoni lejn San Giljan. Il-kelliem qal li dan qed johloq periklu bla bzonn ghal min ikun gej minn Triq Normandy u jrid jidhol ghal Triq Gioacchino Le Brun. Il-kelliem irrimarka wkoll li ta' Red Cross Malta, apparti li huma qed jokkupaw sit minghajr permess, sikwiet johorgu One Way. Finalment il-kelliem ilmenta li f'Pembroke hawn nuqqas ta' bandli ghat-tfal iz-zghar.

1.22. Is-Sindku Joe Zammit qal li dwar Triq Gioacchino Le Brun ser jivverifika ma' TM. Dwar il-bandli l-kelliem qal li hemm appell l'ilu pendenti snin u ghalhekk ma jistax jinbeda x-xoghol.

1.23. Is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarkaw li fis-sit li hemm biswit Triq Medjez, wara li l-Korporazzjoni Enemalta tlesti x-xoghol ta' kostruzzjoni, ser tibni gnien pubbliku nkluz bandli biex jitgawda minn kulhadd.

## 02. Estimi Finanzjarji ghas-sena 2012.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit qara l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2012. **(Ara Dok. C)**

2.02. Is-sur Raphel Cauchi staqsa ghaliex il-vot tal-gemellagg m'ghandux ikun separat mill-voti l-ohra biex jindika kemm huwa skond il-Ligi.

2.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-vot tal-Gemellagg skond il-Ligi huwa ta' €3,500 fis-sena. Il-kelliem qal li din is-sena, minhabba li l-Kunsill jaghlaq 10 snin, intalab il-permess tad-Dipartiment biex tas-sena li ghaddiet ikun mizjud ma' ta' din is-sena. Il-kelliem qal li bhas-snin li ghaddew kien hemm snin li l-vot tal-gemellagg intefaq fuq bzonnijiet ohra u jekk tinhass il-htiega l-istess isir f'din is-sena.

2.04. Is-sur Raphel Cauchi staqsa ukoll min u kif jithallas il-contracts manager.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan jithallas mil-5% li kull kuntrattur jinqatalu mill-hlas tieghu biex jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-contracts manager. Il-kelliem qal li dawn il-flejjes qabel kienu jibqghu fil-Kunsill izda issa inhasset il-htiega li minn din is-sena ikollna l-contracts manager minhabba li l-Kunsilliera kollha, inkluz is-Sindku, huma okkupati bix-xoghol taghhom.

## 03. Mistoqsijiet u suggerimenti.

3.01. Is-Sinjura Grace Azzopardi staqsiet meta ser isir id-dawl wara Ms. Carr.

3.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser jivverifika.

3.03. Is-Sur John Dimech talab li l-Contracts Manager ghandu jara li meta jinqata' l-haxix, dan ghandu jingabar halli mhux joqghod jinxtered bir-rih u jispicca fit-toroq.

3.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ha nota.

3.05. Is-Sur David Vella lmenta li fi Triq San Gorg Preca m'ghadhomx imorru l-Gwardjani Lokali izda kultant imur xi Pulizija. Il-kelliem ilmenta wkoll li l-parkegg ta' Pjazza

Nazju Falzon qed jintuza mill-kumpaniji li jaghlmu s-sewqan u dan b'deterrent ghar-residenti li jaghmlu uzu minn dan is-sit.

3.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara li kien hemm tibdil u riforma fl-LES, is-servizz tal-Gwardjani Lokali, ghalissa huwa dak li hu. Dwar il-kumpaniji li jaghmlu uzu mill-parkegg, il-kelliem qal li ser jivverifika jekk dan huwiex legali jew le.

3.07. Is-Sur Ray Lanzon staqsa jekk il-Kunsill ivverifikax li bit-tnaqqis li l-Gvern ser jaghmel fil-Budget Nazzjonali huwiex ser jaffettwa l-finanzjament tal-Kunsill.

3.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li s'issa l-Kunsill ghad m'ghandu ebda ndikazzjoni.

3.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill zieda kellu u mhux tnaqqis.

3.10. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.15pm wara li rringrazzja lil dawk prezenti.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |